MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Stellini**

Kaz Numru: 1/2014

Illum 7 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Emanuel Stellini**, bin Joseph u Maria Anna neé Buttigieg, imwieled fit-22 ta'

Ottubru 1950, residenti fil-fond Villa Dynasty, Triq Bir ir-Rix, Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 79250(G), akkuzat talli fix-xahar ta' Settembru 2013 u aktar f'Ottubru 2013 gewwa ghelieqi li jinsabu Qasam San Gorg bejn ir-Rabat u Santa Lucija limiti ta' Kercem, Ghawdex:

1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Carmela Bugeja thallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew halla bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanta.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ukoll lix-xhud minnu prodott.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.* Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore**

> **Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat taghmel riferenza ghad-data segwenti: *"fix-xahar ta' Settembru 2013 u aktar f'Ottubru 2013".* Illi l-Qorti tinnota wkoll li fil-kawza odjerna ma saret l-ebda kwerela da parti tal-kwerelanta Bugeja u li jirrizulta li din il-kawza odjerna giet intavolata BISS kontra l-imputat wara li l-imputat *qua* kwerelant ghamel rapport rigward dak li sab fit-2 ta' Ottubru 2013 meta acceda fl-ghalqa li tinsab fil-Qasam ta' San Gorg bejn ir-Rabat u Santa Lucija, Kercem. Dan jirrizulta mill-affidavit ta' PS 1061 J. Zammit,

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

liema affidavit giet ezebit fis-seduta tal-4 ta' Frar 2014 u gie mmarkat bhala Dok. "A".

Illi qabel il-Qorti taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri rigward il-mertu *per se* tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' zewg kawzi ohra: wahda fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Stellini** (Kaz Numru 590/2013) u ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela Bugeja** (Kaz Numru 606/2013). Filwaqt li l-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela Bugeja** (Kaz Numru 606/2013) taghmel riferenza ghall-istess dati ndikati fil-kawza odjerna, il-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Stellini** (Kaz Numru 590/2013) taghmel riferenza ghas-segwenti data: *"nhar is-17.09.2013 jew fil-jiem ta' qabel"*. Fuq nota differenti, ghandu jinghad li dawn il-kawzi qeghdin jigu decizi kollha llum.

Illi d-depozizzjoni moghtija mill-kwerelanta u minn zewgha Angelo Bugeja kienet aktar iffukata fuq dak li gara fis-17 ta' Settembru 2013, li huwa l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Stellini** (Kaz Numru 590/2013) bil-konsegwenza li fil-kawza odjerna l-Qorti ma semghetx provi bizzejjed sabiex tkun tista' ssib htija fl-imputat ghall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-fatt li l-imputazzjoni fil-kawza odjerna taghmel riferenza ghas-segwenti: *"fix-xahar ta' Settembru 2013 u aktar f'Ottubru 2013"*, liema data tkopri wkoll id-data tas-17 ta' Settembru 2013 (li hija l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Stellini** (Kaz Numru 590/2013), f'liema kawza msemmija deciza llum il-Qorti ser issib htija tal-imputat, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fil-kawza

odjerna għad-data tas-17 ta' Settembru 2013 *stante* li f'dan il-każ tkun qed issib lill-imputat ħati darbtejn għall-istess ħaġa b'riferenza għall-istess data.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma jirrażultalhiex sodisfaċentement pruvat li l-imputat kkommetta r-reat ta' *ragion fattasi* skond l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu fil-kawża odjerna.  Għaldaqstant, l-imputat ser jiġi liberat mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Emanuel Stellini ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------